PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

008/2234(INI)

22.1.2009

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-problemi u l-prospetti rigward iċ-ċittadinanza Ewropea
(008/2234(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Panayiotis Demetriou

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota b'dispjaċir li l-Ħames rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-Unjoni ma fih ebda proposti konkreti rigward it-twettiq miċ-ċittadini tad-drittijiet tagħhom u d-dover tal-Istati Membri li jissalvagwardjaw dawn id-drittijiet fil-prattika; jitlob li s-Sitt Rapport ikun aktar proattiv f'dan ir-rigward;

2. Jesprimi d-dispjaċir tiegħu lejn in-nuqqas tal-Kummissjoni li tikkonsulta mas-soċjetà ċivili fit-tħejjija tal-Ħames Rapport, u jistenna li dawn il-konsultazzjonijiet iseħħu fit-tħejjija tas-Sitt Rapport, kif imwiegħed mill-Kummissjoni;

3. Fid-dawl tal-Ewrobarametru Flash 213 (2007 stħarrig tal-Ewrobarometru), li skont hu huma biss 31% tal-parteċipanti li jqisu lilhom infushom bħala infurmati tajjeb dwar id-drittijiet tagħhom bħala ċittadini Ewropej, josserva li hemm bżonn urġenti li jitniedu kampanji ta' informazzjoni aħjar u aktar effettivi (eż. il-ħolqien tal-"programm taċ-ċittadinanza" fl-iskejjel u fl-universitajiet li jħejju lill-ġenerazzjoni żagħżugħa għal ċittadinanza attiva);

4. Meta jqis, fost l-oħrajn, in-numru żgħir ta' ċittadini tal-UE li huma residenti fi Stat Membru li mhux pajjiżhom li jeżerċitaw id-dritt tal-vot jew li joħorġu għall-elezzjonijiet Ewropej jew muniċipali fil-post tar-residenza tagħhom, kif ukoll l-ostakli prattiċi li l-votanti potenzjali spiss iħabbtu wiċċhom magħhom meta jeżerċitaw dawn id-drittijiet, huwa tal-opinjoni li l-elezzjoniujiet Ewropej tal-2009 għandhom jitqiesu bħala opportunità għat-tħejjija u l-applikazzjoni ta' pjan ta' azzjoni pan-Ewropew imfassal biex jiżviluppa l-għarfien taċ-ċittadini Ewropej dwar id-drittijiet tagħhom; jiddispjaċih għalhekk, bin-nuqqas ta' kwalunkwe referenza dwar dan fil-Ħames Rapport;

5. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm inizjattivi li jippromwovu d-drittijiet taċ-ċittadinanza Ewropea għaż-żgħażagħ; għalhekk jenfasizza l-importanza kbira ta' programmi bħall-Programm Żgħażagħ fl-Azzjoni għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013, li kien stabbilit biex jiffaċilita djalogu strutturat maż-żgħażagħ fil-livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew;

6. Jilqa' b'sodisfazzjon id-dikjarazzjoni politika adottata dan l-aħħar dwar "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija", u jqis li kampanja ta' informazzjoni dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u d-drittijiet speċifiċi li joħorġu minnha għandhom isiru prijorità bażika;

7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal pjanijiet għall-implimentazzjoni tal-"inizjattiva taċ-ċittadini" għat-Trattat ta' Liżbona, indipendentement mill-fatt li t-Trattat għadu għaddej permezz tal-proċess ta' ratifika;

8. Jitlob li jsiru r-riformi meħtieġa fil-proċedura tal-elezzjonijiet Ewropej fl-Istati Membri kollha bil-għan li dawn il-proċeduri jsiru aktar simili u jinstabu modi biex tkun promossa ċittadinanza Ewropea attiva (eż. permezz ta' listi transnazzjonali), u jappella biex jitwettqu kampanji xierqa ta' informazzjoni ladarba r-riformi msemmija hawn fuq ikunu finalizzati.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.1.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 –: 3 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Enrique Barón Crespo, Richard Corbett, Jean-Luc Dehaene, Andrew Duff, Anneli Jäätteenmäki, Aurelio Juri, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Timothy Kirkhope, Jo Leinen, Íñigo Méndez de Vigo, Ashley Mote, Adrian Severin, József Szájer, Riccardo Ventre, Andrzej Wielowieyski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Costas Botopoulos, Carlos Carnero González, Panayiotis Demetriou, Roger Helmer, Klaus-Heiner Lehne, Gérard Onesta, Sirpa Pietikäinen, Kathy Sinnott, Mauro Zani